# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 35**

**Avviz numru 843/99/SM**

**Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta' l-Ilma.**

**vs**

**Saviour Farrugia**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat t-8 ta' Gunju ta' l-1999 li permezz tieghu l-korporazzjoni attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lill-Korporazzjoni attrici, is-somma ta' tliet mija u sbatax-il lira Maltija u sittax-il centezmu, (LM317.16,0), dovuti minnu lilha kwantu ghas-somma ta' LM206.25,0 ghal ilma li stab mhux registrat fil-fond 18, Triq Dun**

**Gwann Bezzina, Mosta fit-18 t'April, 1994 u fix-xhur ta' qabel u kwantu ghas-somma ta' LM110.91,0 bhala rimborz ta' l-ispejjez tal-ispezzjoni li saret mill-Korporazzjoni attrici fl-istess fond u fl-istess data;**

**2. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Lulju, 1998 kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-1 t'Ottubru ta' l-1999 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi primarjament it-talbiet tal-korporazzjoni attrici huma prekritti u dan ai termini tal-artikoli 2148 (a) u (b) tal-Kodici Civili;**

**2. Illi dwar il-mertu, l-esponent jecepixxi illi huwa ma kkonsma ebda ilma li ma kienx registra fil-fond numru 18, Triq Dun Gwann Bezzina, Mosta, liema fond kien jikkonsisti f'garaxx li kien mikri lill-esponent minghand terzi;**

**3. Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali tal-korporazzjoni attrici;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti lil taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi minn spezzjoni minn impjegati tal-korporazzjoni attrici fil-fond garaxx numru 18, Triq Dun Gwann Bezzina, il-Mosta, proprjeta' tal-konvenut, instab li kien qed jigi ikkonsmat ilma minghajr ma jigi debitament registrat permezz ta' "meter" appozitu;**

**2. Illi minn investigazzjoni aktar profonda rrizulta li l-imsemmi fond kien qed jissuplixxi ilma ghall-kostruzzjoni ta' bini fuq il-lok;**

**3. Illi mill-estimi pprezentati mill-Korporazzjoni attrici l-istess korporazzjoni ikkwantifikat l-ammont ta' ilma mhux debitament registrat fl-ammont ta' mitejn u sitt Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu, (LM206.25,0), oltre b'mija u ghaxar Liri Maltin u wiehed u disghin Lira Maltin (LM110.91,0), ghall-ispejjez sofferti mill-istess korporazzjoni ghall-ispezzjonijiet taghha;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi da parti tieghu l-konvenut ghalkemm kellu l-possibilita' kollha pprezenta l-versjoni tieghu tal-fatti baqa' inadempjenti;**

**Illi ghar-ragunijiet premessi din il-qorti hi sodisfatta li l-korporazzjoni attrici pprovat il-kaz taghha skond il-ligi;**

**Ghaldqastant din il-qorti tiddeciedi li filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut Saviour Farrugia ihallas lill-korporazzjoni attrici l-ammont globali ta' tlett mija u zbatax-il Lira Maltin u sittax-il centezmi, (LM317.16,0), kif fuq indikat, bl-ispejjez u imghaxijiet skond il-ligi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**